# IL HABIB

Joħroġ cull nhar ta tlieta, barra mil gimgha il Cbira u il gimgha ta Labsi.—L'imsieħbin ta Malta u Ghaŭdex jisŭielhom, bil Posta b'collox, tliet xelini fis-sena, li jistghu jitħallsu xelin cull erba' xhur, bil kuddiem. Ta Barra, jisŭielhom xelin actar fis-sena u jaħtieġ iħallsu ghall'inkas bis-sitt xhur fuk. Min ma javżax xahar kabel taghlaklu is-sena, jirtabat ghal oħra.—Ebda chitba li tasal f'idejn id-Direttur ma tarġa tirtadd l'ura.

Imżeŭŭak b'cull xorta ta daŭl, ta taghlim, ta aħbarijet u ta moghdija taż-żmien: imma dejjem nisrani u *ħabib tal-kalb.*

Proprietarju: il *Cumitat tal Ghakda tal Appostulat tat-Talb,* li kankal u sejjer imexxi dan il kari tajjeb, ghall gid tal Maltin.

Direttur: is-Sur Ġużè Muscat-Azzopardi (strada santa Lucija numru 89.)

Amministratur: is-Sur Anġ. Galea (str. Brittanica, numru 53).

Stamperija: *G. Muscat* (strada sant'Orsla, numru 213).

IT-TIENI SENA. | IT-TLIETA, it-8 TA APRIL, 1913. | NRU. 60.

*Inbiercu b' kalbna collha il ĦABIB, gażètta bil Malti, u nirriccmandaŭħ lir-Reverendi Cappillani, biex ixerrduħ kalb l'insara tal Parroċċi taħħom, ghax nistenneŭ minnu gid cbir.*

*Mil Belt, fid-19 ta Jannar, 1912.*

† P. ARCISKOF U ISKOF.

## Jaghmel Alla!

Mita chien ghadu gej il Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali fi Vienna u smajna chemm chienu kieghdin ibixclu is-Socjalisti u il Mażuni biex ifixcluħ u ibieghdu in-nies minnu, haŭn Malta bdejna nghidu li aħna ma icollniex minn dac it-taħŭid, ghax ilcoll Cattolici. U mhux aħna biss conna naħsbuha hecc: imma il barranin li jafuna tajjeb chienu jaħsbuha ucoll bħalna. Ghadna nisimghu l'imfaħħar Patri Ciuti ighid, fil *Cunferenza* li chien ghamel fis-sala il cbira tal *Unjoni Cattolica*: «Malta m'hix daks Londra u Vienna: u actarx ma icunx haŭn dac il cobor ta festi u daŭc il ktajja ta nies: imma icun haŭn ħaġa isbaħ—il Poplu collu fehma ŭaħda fil kima tar-Religjon u fix-xhieda lid-dinja tal Fidi ħajja tieghu.»

U sa haŭn collox seŭŭa: il Maltin collha Cattolici, il Maltin fir-Religjon collha ta fehma ŭaħda. Daŭc il ftit boloħ, immexxijin minn ferħ żghir ta Ġuda, li kieghdin ikassmu xi cotba ħżiena, nistghu nghodduhom fuk il ponot ta subghajna: u kalb il mitejn elf Malti li jaħsbuha xort'oħra, m'humiex ħlief bħal nicta daks ghazza fix-xemx! Imma, b'dan collu, it-tbexchil inkala: u sibna ghedeŭŭa biex ifixcluna mhux inkas milli chien hemm Vienna.

X'ma sarx minn daŭc li joboghdu mhux lilna, imma il Cnisja Cattolica u il Papa, biex iceccnu chemm jistghu il Cungress Eŭcaristicu Internazzjonali fil Gżira taghna?...L'eŭŭel nett, intkal—dejjem fil gażetti ta Barra, biex niftehmu seŭŭa, ghax l'imma m'hux gej minn Malta—intkal li din il Gżira m'hix ħaġa biex isir Cungress Eŭcaristicu fiha; u la darba min imexxi il Cungressi Eŭcaristici ŭaka ghaliha, jigifieri li huma ghamlu iż-żmien taħħom u ŭaslu biex jintemmu, ghax niżel l'isfel ghal-collox! Imbaghd, bdeŭ jintafghu il botti biex il Gvern Ingliż, ŭara li sar Cungress Eŭcaristicu f'Londra, il Capitali tal Imperu li ma tŭarrab katt ix-xemx minn fuku, ma iħallix isir ieħor f'nitfa ta Colònja tieghu! U, fl'aħħar, bdeŭ jiġru mar-riglejn in-nases ta cull xorta: li haŭn torok dojok, li m'haŭnx fejn jiltakghu il Cungressisti, li il ħajja ghòla minn cull imchien, li aħna imniġġsin bid-deni irkik u bil gidri, li m'haŭn xejn x'târa, li tal Lucandi ma iridux jilkghu il Pellegrinaġġi u m'haŭnx postijet oħra fejn idaħħlu rashom, li il Cbarat li marru fil Cungressi ta Londra u ta Vienna diġà iddecideŭ li ma jintrigaŭx bil Cungress ta Malta, li aħna nies ta reghba cbira......

U min jaf chemm xterdu cotba contra il Cungress mal bliet taddinja, bl'Ingliż u b'ilsna oħra, bħal daŭc li kieghdin jixterdu chiscnijet saħansitra haŭn Malta!.... Ghax jecc Vienna ħaŭŭdu chemm felħu il Mażuni u is-Socjalisti, haŭn ghamlu ghalina ucoll il Protestanti! Ma nghidux ghall Protestanti collha: ghax fosthom hemm bosta irgiel sôdi u taddehen, li jafu jirrispettaŭ ir-Religjonijet l'oħra, bħalma iridu u ghandhom il jedd li tigi irrispettata ir-Religjon taħħom: imma ghal daŭc il *fanatici* tal *Protestant Alliance*, li tchellimna fil *Habib* drabijet oħra fukhom, u ghas-*shan* collha tal katgha taħħom, li inkas li stess Protestanti tajjbin u bil-ghakal ma igibuhom!

Imma il Cungress Eŭcaristicu, bil ghajnuna t'Alla, jirnexxi cbir haŭn Malta, xejn inkas milli irnexxa dejjem s'issa fil bliet l'oħra. Aħna ċchejcnin: iżda mhux mil Fidi u mil ħrara. Anzi, f'daŭn ħadd fid-dinja ma hu icbar minn'na: u daŭn iridu icunu fuk collox biex il Cungress isir chif imissu.

Ghad li żghar, ghandna ucoll il jedd collu li isir Cungress Eŭcaristicu f'Malta—il Gżira ta San Paŭl, li katt ma ċaħdet ir-Religjon Cattolica, bħalma ċaħduha daŭc li chienu ħaddnuha maħħa fi żmien l'Appostli u daŭc li chienu stkarreŭha mijet ta snin ŭarajha! U dan il jedd, jecc ma jafux chemm jisŭa l'imfanstin tal *Protestant Alliance*, gharfuħ u ghożżeŭħ l'Imkaddes Papa u il *Cumitat Permanenti tal Cungressi Eŭcaristici Internazzjonali,* flimchien mal Iskfijet u mal Cbarat tal Cnisja collha Cattolica (bid-Duca ta Norfolk u l'Armirall Talbot Kerr kuddiem nett).

Actarx ma jisparaŭx il canuni u ma idokkux it-trombi, bħalma ma sparaŭx u ma dakkeŭx Londra, ghad li sparaŭ u dakkeŭ Madrid u Vienna, fejn ir-Rejjet huma Cattolici; actarx il Barca tal Baħar bis-Santissimu, f'lôc mil Barracca ta fuk, issir mil Barracca t'isfel, biex il *Lift* ma jekafx nofs siegha mix-xoghol (hecc smajniha, ghad li ma nizżilnihiex); actarx li ma icollniex, chif chien jixtiek il Poplu collu ta Malta u Ghaŭdex, il *Guardia d'onore* u is-Suldati mifruxin ma tûl it-triek tal Processjoni, ghax, scond ir-Regulamenti Militari, ma jistghux isiru: imma, billi jitolbu lill Ministru Churchill biex ma jatix fregata ghall Cardinal Legat, billi f'lôc *luce elettrica* nixilghu ħaġ'oħra, il Cungress iseħħ; u jiġu Cardinali, Iskfijet, Sacerdoti, Cbarat u Cattolici bl'eluf, minn cull naħa tad-dinja; u maħħom jinaghkdu il Maltin collha; u il Pontificali f'bosta Cnejjes, u it-Tkarbin ta cull jum f'chemm haŭn Parroċċi fiż-żeŭġ Gżejjer, u l'Adurazzjoni ta bil lejl, u il *Cunferenzi* tal Cungress (l'eŭŭel tan-Nazzjonijet cull ŭaħda fi Cnisja ghaliha u imbaghd collha flimchien fil Cnisja tal Mosta), u il Processjonijet, u il Pellegrinaġġ ghall Grotta ta San Paŭl u ghall Ghaŭdex, u il Barca Papali bl'Indulgenza plenarja ghaddinja collha Cattolica, isiru, isiru, isiru!

U nitolbu ghar-Re taghna, li, mita jigi Malta, ghad li ta Religjon oħra, indokkulu il kniepel tal Cnejjes minn cull fejn ighaddi; u nitolbu ghall'Inghilterra, li nixtieku dejjem actar cbira u kaŭŭija, ghax aħna Cattolici, jigifieri insara fidili.

## Il Processionijet.

(*Jissocta fuk in-numru 58*)

L-aħħar darba, ŭiegħdcom li għandi ngħidilcom xi ħaġa fuk il processioni li issir fil Cnisja tal Kabar għażiż ta Sidna Gesù Cristu.

Mela, għandcom tâfu li cull jum, fil Cnisja tal Kabar ta Cristu, fl-erbgħa ta ŭara nofs inhar, malli tispiċċa il compieta, issir il processioni.

U dic, mbierec Alla, processioni! Dic għabra! dic devozzioni! dic ħerka! dic ħeġġa! dac cant ta Inni li dakka ibicchi u dakka iħenni! dic cotra ta xama!

Bħallichiecu l'Inni fuk it-tbatijet ta Sidna Gesù tħosshom jagħfsulec kalbec, jisirkulec id-dmuħ minn għajnejc: l'Inni fuk il glorji ta Cristu, fuk il kaŭma minn bejn l-immŭiet, tħosshom ifarrġulec kalbec, ifaŭŭruc bil ferħ, il hena u il faraġ.

Il processioni fil Cnisja tal Kabar ta Cristu issir hecc: Tibdielec mil Cappella tas-Sagrament imkaddes tal Artal u tmurlec għall Cappella tal colonna tal flagellazioni, għall ħabs ta Cristu, għal fejn kasmu ħŭejjġu, għal fejn Elena sabet il għuda mkaddsa tas-Salib. Imbagħad, għall Cappella tal colonna tal incoronazzioni, għal fejn sallbu il Cristu, għal fejn arbulaŭħ imsallab, għal fejn ŭara li niżżluħ mis-Salib dilcuħ u difnuħ: għal fejn deher lill Maddalena ta bidŭi u għal fejn deher ucoll lill'Ommu Marija.

F-din il processioni jieħdu sehem mhux biss il Patrijet Frangiscani, mhux biss bosta nies ta Gerusalemm, imma ucoll ŭisk drabi mijet ta barranin, bħallichiecu Ingliżi, Franciżi, Spanjoli, Taljani, Irlandiżi, Americani u tista tgħid minn cull gens tad-dinja. Dan l-actar li jiġri fi żmien il pellegrinaġġi li isiru għat-Terra Santa.

Niftacar li, fiż-żmien li kgħadt Gerusalemm, inżertajt tliet pellegrinaġġi, tal Franciżi, tal Ingliżi u ta li Spanjoli. Collha chienu jieħdu sehem f-dic il processioni għażiża. Cont tarahom collha chemm huma bil ctieb f-idhom ix-xellugħija u bix-xemgħa fil-leminija icantaŭ b-leħen ŭieħed mal Patrijet l-Inni mkaddsa.

Jena u iż-żeŭġ żgħażaħ li chelli miegħi minn ħal-Lija chellna ix-xorti sabiħa nieħdu sehem f'dic il processioni bosta drabi. Għadni nisma ġo ŭidnejja dac il cant u inħossu geŭŭa kalbi.

Xtaktcom taraŭ b-għajnejcom, biex tcunu tafu chif għandhom isiru il processionijet. Sgur li chiecu contu tisthu mil biċċa il cbira tal processionijet li isiru haŭn Malta: takta ftit minnhom, bħalma huma ta Santu-Corp, tar-Rużarju u ftit oħrajn, saru għarucasa. Huma actarx ta scandlu, jeŭ le. Nisthi ngħid li bdiet titħassar ucoll il processioni tal Festa tal Kalb għażiża ta Gesù. Niftacru, aħŭa tiegħi, li Gesù Cristu, din il Festa, bħalma kâl Hu stess lill Beata Margherita Alacoque, riedha bħala *riparazioni* taż-żebliħ li jircievi fil granet tal festa ta Corpus.

Inkisu, mela, li ma icunx irid festa oħra b-*riparazioni* taż-żebliħ li bida jara fil processioni tal Kalb għażiża tiegħu.

Fl-aħħarnett, fil processioni li issir cull jum fil Cnisja tal Kabar ta Cristu, fis-sibtijet collha tar-Randan u lejliet il festi solenni, bħallichiecu il Milied, il Għid il Cbir, Santa Marija, li jieħu sehem fihom ucoll il Patriarca ta Gerusalemm.

U bħalma issir cull jum il processioni f-Gerusalemm, hecc ucoll issir f-Nazaret, f-Betlem, f-San Ġŭann Montano, u tliet darbiet fil gimgħa fis-*Santissimu Salvatur* ta Gerusalemm. U bejn ŭieħed u ieħor issir xorta ŭaħda.

Cullimchien issir b-devozzioni liema bħalha. Jecc Alla irid, darb' oħra, nitchellem magħcom mil processionijet li isiru geŭŭa Lourdes.

DUN XAND.

L-ART ICCUNSIDRATA FIHA NFISHA U FIN-NISEL TAGĦHA IĠĠAGĦALNA NAGĦARFU L-ALLA BILLI TURINA L-GĦERF CBIR TIEGĦU.

Għalchemm aħna ma nistgħux naraŭ l-Alla fih in-nifsu, iżda nistgħu naraŭħ ŭisk tajjeb per mezz tal creaturi. Fost daŭn il creaturi l-art sejra tcun is-suġġett tat-taħdit tagħna, għaliex tant jecc niccunsidraŭha fiha nfisha, chemm ucoll fl-għadd cbir tan-nisel tagħha, hija turina ŭisk biċ-ċar l-għerf cbir t-Alla.

L-art iccunsidrata fiha nfisha aħna naraŭha magħmula u mkassma b-għerf ta l-acbar għaġeb: għaliex jecc irridu nitchixxfu u nafu chif l-art mingħajr ma tedha xejn fi-żmien ta' sena ddur max-xemx u fi-żmien ta' erba' u għoxrin siegħa ddur ma' duarha stess mingħajr ma taka,' bla taħbit ta xejn malajr nindunaŭ bl-għerf cbir ta' Dac li għamilha. Sgur l-art ma setgħitx tati hija stess lilha nfisha l-ħila illi ddur b-tant ħeffa mingħajr ma taka', għaliex ħadd ma jista' jati minn dac li ma għandux; u għalhecc jaħtieġ li din il-ħila kalgħitha minn għand xi ħadd ieħor, u dan ma jistax icun ħlief Alla, li fil-ħolkien ta collox tà lil l-art u u lill pjaneti l-oħra collha s-setgħa li jduru magħhom stess u ma dŭar ix-xemx, li għallavolja ddur fuk il-fus tagħha, iżda ma tiġrix f-ŭiċċ is-sema bħalma jiġru il pjaneti.

Min għamel geŭŭa l-art dic il-ħofra tant cbira u fonda, fejn jinsab miġbur l-ilma collu tal-baħar? Min hu Dac, li ŭakkaf fukha tant u tant muntanji għoljin; żejjinha bl-għadajjar, bix-xmajjar, bil-boschijiet? Min hu f-chelma ŭaħda Dac, li għaniha b-tant u tant ħŭejjeġ sbieħ? Biex naraŭ seŭ chemm il-ħedma ta daŭn il-ħŭejjeġ hija xhieda kaŭŭija tal għerf cbir ta Dac li għamilhom, hu biżżejjed li ngħidu lill l-muntanji fost il-ħŭejjeġ l-oħra fil-kgħad minn tagħhom huma tant imkassmin tajjeb illi l-ilma, li minnhom jinżel, għallavolja jgħaddi minn ŭaħda għal l-oħra, mingħajr tfixchil ta xejn isib triektu sa chemm jitħallat fl-aħħar mil-aħħar ma l-ilma tal-baħar. Huma mbagħad ŭisk meħtieġa, għalina, għaliex ibiġġlulna s-sħana kaŭŭija tas-sajf u lilna jeħilsu mir-rŭiefen l-iżjed kalila: u fihom aħna nsibu il vitirijol, ix-xebb, il-melħ, l-irħam u metalli ta cull katgħa, bħalma huma r-ram, il-fidda, d-deheb, iċ-ċomb, il-ħadid u metalli oħrä, li huma bil-bosta meħtieġä għall bniedem. Għal da' l-għageb ta daŭn il ħŭejjeġ magħmulin b-tant għerf nistgħu aħna ma nagħarfux il Ħalliek tagħhom?

(*Jissocta*) E. F.

### It-trânstu ta San Giusepp.

Lill Cav. Giuseppi Muscat-Azzopardi, b'sinjal ta kima fil jum tal festa tiegħu.

Għajnejħ għalak, Giuseppi; u ir-ruħ sabieħa
minn gismu tiġri ħarget ŭisk ferħana:
u, chif chien ħakkha, fost id-dakk u il għana,
niżlet tittajar kalb l-erŭieħ mistrieħa.

Daŭna, għal din id-dehra u il ħelŭa fŭieħa
li chellu fuku, fis lakgħuħ daħcana;
għax b'iben u missier għarfuħ il dana
ta Dac li chellu jagħmilhom rebbieħa.

—Ersak—kâlu il profeti u is-slaten collha,
jibcu bil ferħ, jitgħaxxku b'dic il ħleŭŭa
li f'ħajjtu tant iżżejjen, mar jitgħolla.

—Ersak: id-daŭl li biħ Int dħalt haŭn geŭŭa
kiegħed juri li ż-żmien biex ruħna iħollha
minn dan id-dlam, m'hux bgħid, 'ma feġġ
[tas-seŭŭa.

A. F. SERGE.

MIL LUCERNA TAL ĦAJJA.—52. Min jitlob, jakla; min ifittex, isib; u min iħabbat, jiftħulu.

### It-Taksim tad-Deheb fid-dinja.

Giè stampat u imxerred fl'idejn ir-rapport tas-Sur Giorġ E. Roberts, Direttur taz-Zecca (jigifieri lôc fejn isiru il flus) tal America, fuk it-taksim tad-deheb. Is-Sur Roberts, hu aŭtorità cbira (jigifieri ta min jokgħod fuku) fil cummerċ, u ta dehen u ħila cbar, f'dana li sejjrin ngħidu. Għalchemm li Statistica (jigifieri għerf li juri lill popolazzjoni il għana u il forza ta xi pajjiż) taddeheb li tati id-dinja għandha tcun miżmuma bħala tajjba, mingħajr in-nukkas ta xejn u ŭieħed jista jitchellem mingħajr il biża li joħroġ mis-seŭŭa, iżda m'hux hecc fil qŭistjoni li ŭieħed icun jaf fejn imur id-deheb li id-dinja tati.

Ir-rapport li fuku kiegħdin nitchellmu jiġbor iż-żmien ta ŭieħed u għoxrin sena, mis-sena 1890 sas-sena 1910. F'dan iż-żmien, id-deheb li id-dinja tati cull sena, chiber minn 22 elf lira sterlina fis-sena 1890 sa 93 miliun lira sterlina fis-sena 1910.

L'Aŭtur ta dan ir-rapport jfittex li juri chif dan id-deheb jitkassam fil consumi għal-l'arti industrjali, għall bżonnijet ta pajjiżi ġodda, għad-dħul ta Banchijiet tan-nazzjonijet cbar commerciali u għall'oħrajn. Hu jaksmu f'żeŭġ iżmna magħżulin ta ŭieħed u għoxrin-sena, l'eŭŭel ta għaxar snin (mill'1890 sa 'l 1899) u it-tieni ta ħdax il sena (mill'1900 sa 'l 1910). Id-deheb li f'għaxar snin id-dinja tat, mis-sena 1890 sas-sena 1899, hu stmat fuk 354 miljun liri sterlini, li hecc is-Sur Roberts imur ikassam:

L'Arti industrjali, 114,000,000; il Banchijet u Teżori tal America, 52,000,000; Banchijet tal Eŭropa, 137,360,000; Banchijet tal Aŭstralja, Canadà u Africa Aŭstrali, 11,940,000; Egittu u Asja, 39,300,000. Collox f'dakka, 354,300,000 miljun.

Fil ħdax il sena, jigifieri mis-sena 1900 sas-sena 1910, id-dinja tàt deheb 784 miljun u 760 elf ta liri sterlini, li bejn ŭieħed u ieħor jitkassmu hecc:

Arti industrjrli, 191,000,000; Banchijet u Teżori tal America, 125,320,000; meħud fl'Indostan, 86,600,000; bdil fl'Argentina u il Brażil, 68,000,000; Banchijet tal Aŭstralja u tal Africa Aŭstrali, 19,120,000; Banchijet tal Canadà, 17,140,000; meħud l'Egittu, 29,200,000; Banchijet tal Ġappun, 11,800,000; Banchijet tal Messicu, 5,700,000; flus fl'idejn, 57,640,000. Collox f'dakka, 784,760,000.

Jibka dejjem veru li chemm il darba il minieri (barrieri taħt l'art) tad-dinja collha ma jibkgħux jatu bħal issa, l'Arti industrjali jissoctaŭ jixorbu qŭantità cbira ta deheb, b'môd tali li il parti taħħom tiġbed lejha sehem cbir li jati x'taħseb. Jecc, imbgħad, il prodott tal minieri jicber, jiġri sgur li il banchjiet tan-nazzjonjiet cbar u it-teżori tal Gvernijet iħaxxnu dejjem il capitali taħħom bid-dħul tal flus *cuntanti*.

L'Indja kiegħda tibgħat f'pajjiżi oħra qŭantità cbira ta uċuħ tar-raba. Jecc hu minnu li biċċa minn dan il bejħ iservi biex iħallsu it-taxxi lill'Inghilterra, m'hux inkas tas-seŭ li il parti l'oħra tigi lilha imħallsa bi flus *cuntanti*.

Ftit taż-żmien ilu, il ħlas chien isir bi ftit tal fidda fl'Indja. Issa hu magħruf li chemm il darba il fidda ma tonkosx, iddeheb jibda iservi għall ħlas ta dac li tibgħat band'oħra.

Is-Sur Roberts igħid li, mis-sena 1890 sassena 1910, l'Indja, barra mil prodott tal minieri taħħa, daħħlet 27 elf lira sterlina deheb. Fiż-żmien ta ħdax il sena, mill'1900 sas-sena 1910, daħħlet 86,760,000. F'sena ŭaħda biss, l'1911, daħħlet mil prodotti li baghtet band'oħra 18,100,000, lira sterli-

na. Issa l'Indja kieghda isservi biex tmexxi hi is-saħħa li jieħu id-deheb cull sena fuk il cummerċ.

L'Indja, chif taraŭ, hi xi ħaġa ghall'Inghilterra: u m'hux ghal xejn ir-Re taghna jissejjaħ Imperatur tal Indji.

Dun Pier Battista Agius,
*Cappillan ta ħ'Attard.*

## Draûûiet taghna.

### SAN GHIRGOR.

Din hi l'akŭa procissjoni li issir f'Malta, l'eŭŭel Erbgha ta fuk il Ghid il Cbir: fiha jieħu sehem cull-ħadd; fratelli, abbatini u kassisin ta cullimchien, il cappillani, patrijet, canonici, u saħansitra il Capitlu tal Catidral, il Papâs tal Grieghi u l'Iskof.

Id-dakk sabiħ tal kniepel li jinstemghu haŭn il-lejl mal Gżira collha, u id-dija ta ħuġġieġa cbira mixghula fuk il bejt tal Catidral, fil-ghodu cmieni cmieni, iħabbru lin-nies biex jinġabru cull-ħadd fil cnisja tar-raħal tieghu, mnejn imbaghd jitilku.

It-torok li jieħdu ghall ħal-Tarxien, l'actar it-telgha tal Marsa u in-naħa tal Kasam—mnejn ighaddu il biċċa il cbira tar-rħula—icun fihom ġmiel, x'ħin tarahom mil bghid b'daŭc li standardi mexjin minn ma genb ir-raba iħaddar, f'dic il ghodŭa tar-rebbiegha, ma tlŭħ ix-xemx.

Krib is-sebgha ta filghodu, Raħal Ġdid icun maħnuk bin-nies li jiltakghulec hemm min-naħiet collha ta Malta.

Il Cancillier tal Iskof jakra, imbghad, l'ismijet tal Parroċċi collha; jitkassmu is-slaleb tal Cleru, u jintghataŭ l'ismijet chif ghandhom jimxu, cull-ħadd fejn imissu u chif jistħokklu.

Minn hemm, imbghad, tas-Slaleb jitilku ŭieħed ŭara l'ieħor ghall Cnisja ta ħal Tarxien, fejn ilcoll jiltakghu u jinghakdu mal fratelli u il kassisin ta pajjiżhom, u minn hemm jibdeŭ, parroċċa ŭara l'oħra, jimxu lejn iż-Żetjun, cull-ħadd b'li standardi tieghu, u ma tŭl it-triek ighidu b'leħen gholi il-litanija it-tŭila tal kaddisin.

Dari, mita chienu jaslu iż-Żejtun, huma-u-ghaddejjin minn ġo'l Cnisja, ta li standardi chienu jakbdu ŭieħed ŭieħed iniżżlu sal art kuddiem l'artal il maġġur, ghal tliet darbijet jeŭ erbgha, li standard, bħala turija ta kima,(1) u jibkghu sejjrin lejn San Ghirghor il Kadîm—cnisja żghira li tigi f'tarf iż-Żejtun, in-naħa tal lvant, aħna-u-sejjrin lejn tas-Silġ u Dellimara (2).

It-tixjîr ta li standardi, mita jaslu hemm, chien icun mill'akŭa u actar bil ħrara, u igib ghagha u frattarija sħiħa f'chemm ħlejjak chienu jinġabru apposta ħalli jixxghelu u jaraŭ sa fejn tasal il ħila u is-saħħa ta xi erba' rgiel tar-rħula taghna (imgissmin, matnazzi u jifilħu daks il gniedes), filli iŭebbsu rashom u jibkghu ixejjru u ibattu, ghalavolja mdaŭŭrin caghca minn xi nofs tużżana gendarmi jeŭ iżjed, biex ma iħalluhomx.(3)

Dari haŭn chien isir ghors u żuffiett sħiħ, u il kima collha chienet tmur mar-rîħ. Hafna drabi, x'uħud (actarx chienu icunu minn tal ibliet, ma ghandhomx x'jaghmlu u iħobbu jiddieħcu bix-xemx ghaddejja), malli chien ifiġġ xi raħli b'li standard, milli jidrilhom huma, dic is-siegha cont tismaħħom ighidu bejniethom bħallichiecu biex iseŭŭsuħ u jiżżunżinjaŭħ:

«Dan ibattiħ sgur, imkàr jecc jaf li x'jaf!» u fil ħin il fratell erħilu ixejjer u ibatti biss... u jissara u jitŭigher addoċċ mal gendarmi, ghalavolja gharkan xraba u icun gejj b'li standard it-triek collha, minn ġò kieħ il Mosta jeŭ minn Ħad-Dingli.

Mita il kassisin ta cull parroċċa jidħlu il cnisja il kadima, jinxteħtu ghar-rcopptejhom u itennu b'leħen kaŭŭi *misericordja* ghal tliet darbiet.

Dun Giużepp Farrugia,
*(Jissocta)* *Cappillan.*

(1) Mħabba xi csuħât u nukkas ta kima li bida issir fid-Dar t'Alla, lir-reffiegha ta li standardi, minn xi 15 il sena l'haŭn, żammeŭhom u ma ħalleŭhomx jidħlu iżjed; u id-draŭŭa, illum il ġurnata, hi li daŭn jibkghu ghaddejjin dritt minn fuk iz-zuntier.

(2) *Dell il mara*, ghax hemm blata ghall fuk il baħar li, chif in hi imsaŭŭra, donnha dell ta mara.

(3) Il Pulizija taghmel seŭŭa u seŭŭa ŭisk li tindaħal: ghaliex ma chienetx l'eŭŭel darba u inkas it-tieni li mħabba il bluhât u il ħmerijet żejjda, târu il crucetti jeŭ tchissru li standardi u darbu in-nies.

# Chitbulna:—

I.

L'Isla, 20 ta Marzu, 1913.

*«The Eucaristic Congress: What does it mean?»*

Ftit tal ġranet ilu, nisma min isieħli b'ismi: allura jena ħarist, u ilmaħt ġuvni. Intant jena ŭakaft sabiex nara x'irid, u hu telakli ctieb (librett) f'idejja.

Dana il ctieb igib l'isem li haŭn fuk bl'Ingliż, grazzjus fil ghajnejn u faħxi fil chitba: u jena, ghall curżità li taghmel b'cullħadd, krajtu, minghajr ma kaghdt naħseb x'deni jista jaghmel f'ruħi, ghad li mill'isem tieghu, stajt naħseb x'sata ighid. Il bravu compożitur tieghu hu ir-Rev: Moore, tal Missjoni Protestanti fis-South Africa. Però, billi jena, ghall grazzja t'Alla, katt ma cont trascurat ghall catachiżmu, sibt li il ħafna contradizzjonijet tal imsemmi Reverendu ma ghamlu fija ebda effett, ghar-raġjuni li *Sola Fides sufficit*. U la Alla hu ŭieħed, *unus est Deus*, daks hecc ieħor il Cnisja, *Una et Sancta*. U bħalma f'Alla Ŭieħed jinsabu Tliet Persuni, (ghal dan il Misterju chellu iciedi il gherf tieghu Agostinu l'Imkaddes,(*) li minn xcora tal protestantiżmu sar cbir u Duttur tal Cnisja Imkaddsa), hecc ucoll hi il Cnisja maksuma fi tlieta, li jifformaŭ ħaġa ŭaħda, jigifieri: Cattolica, Apostolica, Romana, f'chelma ŭaħda, *Aŭtorità Ecclesiastica.*

Allura, dana ir-Reverendu Moore M.A. ma chienx imissu jisserva b'daŭn il libretti biex jati fiducja lill'opinjoni tieghu, u ixerridha fejn irid u fejn joghġbu, minghajr ebda Aŭtorità. Haŭnec jena nghidlu: Mhux *What does it mean?*, imma *What you said?*: u intom, o ġuvintur, ulied tar-Religjon Nisranija, la tghamluhiex tal bravi, bħal daŭn il ġuvintur *Moderni fl'Injuranza*, li kieghdin jaccettaŭ li ixerrdu daŭn il cotba fil familji, u dana, forsi, keghdin jghamluħ minghajr ma jafu biss x'in hi Cnisja Romana u x'in hi cnisja protestanti. Basta jiżżattu u jindaħlu, u fejn? fi studju li ma ghandhom ebda idea tieghu. Ghaldakstant jecc jati li cas li jatucom xi cotba taħt dan l'isem, cunu pronti icconsinjaŭhom lill min hu tal ghakal u acbar mincom. G. D. G.nni

(*) Santu Ŭistin, il *Princep tal Ghorrief*, ŭerŭer id-dinja collha bil ghôli tal ħsibijet imkaddsa ta moħħu: imma, fost cull-ħadd, chienet l'Inghilterra li ŭiżnet is-saħħa bla tarf ta dac li kâl fuk il *verità* tar-Religjon Cattolica u *specjalment fuk il Misteru tal Eŭcaristija*. Chemm ħaduha bi cbira il *Protestanti fanatici* din il migja tal Cungress Eŭcaristicu f'Malta?... Chemm tkanżiħ! chemm gebel fir-rôti! chemm klajja! chemm kerk, li jaghmel ghajb lill Gharab!

Id-Direzzjoni.

II.

Mill Belt (*) 4-4-13.

Sur Cavalier

Nakra spiss fil *Habib* illi hia ħagia xierka uisk li chiecu ghal dauc il granet tal Cungress ħatt ma ieder hafi u minghair glecc: u dana barra milli ghax iexrak lis-Sagrament, anchi imħabba il barranin, ghax sgur ietcasau bina.

Hia ħagia sabieħa ħafna, Sur Cavalier, u ghogbod lil bosta nies, biex ma nghidlecx lil cullhatt; u iena nispera li tirnexxi din il biccia chif tixtiek int.

Imma anchi iech tirnexxi din il biccia, anchi iech ghal dauc il granet in-nies colla tal bliet u tal Campagna icunu liebsin pħas-Signuri, dan xein ma iservi; ghax daun il granet cont ghaddei minn St. Mercanti u ħdein il Monti di Pietà, hemm f'ħanut ilmaht certi statui li ieppresentau nies tal campagna hafjin u bil kalziet imxammar sa ircupteihom; u barra minn dan, fuk dauc l'istatui hemm scrizioni b'ittri cbar li tinkara minn cantuniera boghod li hi din:

*Maltese Country costume.*

Nixtiek uisk li ghal dauc il granet dina l'iscrizioni tigi imneħħia ieu ghall'inkas mibdula f'xi scrizioni ohra—per esempju:

*Old Maltese Country costume.*

Nittama, Sur Cavalier, li, phalma tigi mitmuma ix-xeuka tighec, ech ucoll mitmuma tigi tighi ghall'unur tghana u ta paijsna.

Nirringrazziac mill' incomodu li ħatt bija: ghoddni dejjem b'serv tighec

C....P....

(*) Din l'ittra ħallejniha f'collox chif gietna, biex tidher chemm hi ta id barranija mil *Habib*. Id-Direzzjoni.

# Ma dûar il Gżira.

Kabel xejn, nitolbu maħfira li Il Cummendatur Fonsu Galea, ghażiż ħabib taghna, talli ghadna ma raddennielux il ħajr tażżeġġ cotba sbieħ li baghtilna l'aħħar, it-tnejn xoghlu: *L'Gharajjes* u *Chienet b'riżku*—ġaŭhriet oħra fid-damma tal *Mcghdija taż-żmien*. Ried icun hu, biex il *Promessi Sposi* tal Manzoni joħorġu bil Malti chif ħarġu.

—Ŭara li chien diġà stampat l'articlu ta 'llum *Jaghmel Alla*, smajna li is-suldati tal *Milizzja Maltija*, huma biss u minghajr armi, sejjrin jintghataŭ ghall Processjoni il cbira tal Cungress. Aħjar minn xejn. Imma x'actar tigi xi ħaġ'oħra ucoll milli chienu caħdulna. Jaghmel Alla!

—Cull-ħadd chelma ŭaħda: Chemm gid kieghed isir haŭn il Belt, bil Missjoni il Cbira, fil Cnisja tal Geżŭiti. Ghall krar, ŭara il priedchi, ir-rgiel kieghdin jersku bil ktajja: u il Confessuri, li huma bosta, chellhom jitkassmu sa fl'Oratorju tal *Onurati.*

—Fl'aħħar migimgha tal *Cumitat General* tal Cungress, ghadda li, fl'Eŭŭel Lakgha ta cull-ħadd fil Cnisja tal Mosta, mad-*Discorsi* bit-Taljan u b'*ilsna oħra*, ghandu isir ucoll ŭieħed bil Malti. Ghala le? M'aħniex Maltin?... Tistghu taħsbu feraħx id-Direttur tal *Habib* u chif ivvota! Ma dan collu, minn 47 vôt 8 biss chienu cuntrarji: u, bi ħniena minnhom, ma nghidux ta min huma. Il qŭistjoni kankalha il gharef Patri Geżŭita Sammut u sab malajr ħafna Patrijotti mieghu.—Ŭieħed *gustus* (mit-tfsila ta daŭc li MA NCASBRUX ACTAR IDEJNA BIHOM) ried jaf daŭn il ġranet conniex aħna li sefsifna dic il biċċa f'ŭidnejn Patri Sammut. Le: ma conniex aħna: u il ŭidnejn tar-Rettur tal Culleġġ tal Geżŭiti ma tantx issefsef fihom chif gieb u laħak! Chiecu gietna f'moħħna, bħalma giet f'moħħ dac il Gharef li ma jiċħadx l'Ommu, conna nghiduha aħna b'ŭiċċna minn kuddiem, ghax gherf u ħeġġa jonksuna bosta, imma biex nghidu li aħna Maltin u inħobbu il

Lsien Malti kalbenin biż-żejjed ! M'hix ragjuni li il Pajżani taghna li jieħdu sehem fil Lakgha il Cbira tal Cungress collha jafu bit-Taljan: la mat-Taljan dieħlin l'Ingliż u il Franciż, ghax ma ghandux jidħol il Malti ucoll ? Chiecu chien collox bit-Taljan biss, ma conna nghidu xejn !

—L'Arci-Iskof xandar u ŭiddeb bil mictub li is-Sacerdoti Giuseppi Maŭrin u Ġanni Falzun *huma scumnicati*; u li ħadd ma jista jokghod jisma cliemhom, jeŭ jakra l'ittri taħħom, jeŭ jieħu cotba minn ghandhom, jeŭ jaghmilha maħħom, bla ma jaka f'li stess piena (ta li *scomunica*).

—Tghaxxakna lbieraħ tl'ura bil ġmiel ta panigircu bit-Taljan li ghamel ghall San Publju il Patri Majjistru Vincenzu Falzun, tad-Dumnicani. Gherf, ilsien u ħabta: u fuk collox sodizza u patriottiżmu. Chemm xtakna nsemmghuħ lill Cungressisti barranin dac il Predicatur, biex nuru dejjem actar x'ghandna Malta! Fejn chienu daŭc li taparsi joktlu ghat-Taljan ?....

# Nhar il Hadd
## 13 ta April 1913.
### FESTA TA SAN ĠUSEPP
Protettur tal *Unjoni Cattolica*

PROGRAMM

Filgħodu, fil Cnisja tal Gisŭiti, fis-sitta u nofs, Kuddiesa għat-Tkarbina tas-Soci bil Fervurin: Mons. Can. Teol. L. Attard D.D., Vicarju Generali. Icantaŭ it-Tfal tal Cor ta San Ġacbu. Fit-tmienja u nofs, Kuddiesa Cantata: Mons. Can. Cap. L. Camilleri. Mużica tal Mro. Franceschini, bl'accompanjament tal orchestra. Panegircu: Mons. Can. Cap. P. Gauci, Segretarju tal Iskof. Benedizjoni bis-Sagrament: Mons. Can. Cap. Coad. P. Galea.

Filgħaxija, fil Palazz Caraffa, fil ħamsa u nofs: jinchixef ir-Ritratt ta Patri Michiel Vella C.G., Fondatur tal Unjoni Cattolica «San Ġusepp». Jitchellem Patri L. Grech C.G., Direttur Djocesan tal Għakda tal Appostolat tat-Talb. Minn ŭara icun hemm:

1. Cinematografu b'Pelliculi mill isbaħ.
2. Lettura bi Projezzjonijet Fissi—«Gusеppi il Ġustu»: Mons. Fonsu Agius D.D.
3. Poesiji: Prof. Dun Carm Psaila, Cav. Ġużè Muscat Azzopardi, P.L.
4. Commiedja b'2 Atti ta G. Gaŭci-Maistre «In-Nies tal Mara» — Filodram. «La Concordia». Atturi—G. Mercieca, A. Argento, L. Scicluna, S. Cassar, O. Cumbo, G. Schembri. Mużica, Cant, Concert Canzonettisticu u Lotterija privata.

(Premju: Servizz għat-tè tal fidda).

Il Biljetti jinbiegħu 6 soldi—Għas-Socji 4 soldi. Cull min jixtri biljett ghandu dritt għall numru fil Lotterija, li icun dac ta fuk il-Biljett tiegħu.

IL CUMITAT.

## Ma dûar id-dinja.

*Gŭerra*—Ŭara ħames xhur ta assedju li ma bħalu, Adrjanopoli ŭakghet f'idejn il Bulgari u is-Serbi.—Ferħ cbir sar fir-Russja malli ŭaslet l'aħbar. Malli il President tad-Duma (il Parlament) kara it-telegramma, id-Deputati kâmu collha bil ŭiekfa—u billi chienu jinsabu presenti il President tal Parlament Bulgaru u il Ministru tal Bulgarja, rafghuhom fuk li spallejn u ġreŭ bihom imsieħbin ma personaġġi cbar.—Fl'aħħar tliet ti jem tal Assedju, il Bulgari tilfu bejn mejjtin u feruti tnax il elf ruħ, barra milli tilfu is-Serbi (2,500) u il Montenegrini (1,250).

Il Montenegru kieghed jibbumbardja Scutari, kalb il ghajjât ta: Jeŭ Scutari jeŭ il meŭt. Il Bulgari ghamlu prigjunieri elfejn fizzjal u sittin elf suldat Toroc. Il Potenzi intakghu bosta drabi, u heddu il Montenegrini li jecc ma iŭakkfux il bombardament, jaghmlu *Dimostrazzjoni Navali*.—Ġà l'Aŭstrja u l'Italja baghtu f'Antivari il flotta taħħom; u l'Inghilterra u il Germanja baghtu frejgati taħħom ucoll: biss ir-Russja ma bghatet il ħadd. Il ħŭejjeġ kieghdin jarġghu jitħaŭŭdu. Il Bulgari mexjin il kuddiem f'Ċatalgja: u il Montenegru, ŭara chiefra battalja, ħa il posiżżjonijet toroc f'Tarabox ŭara li tilfu 300 bejn mejjtin u feruti.

*Germanja*—L'Imperatur Gulielmu stieden ir-Re u ir-Regina tal Inghilterra ghat-tieġ ta bintu li isir fl'erbgha u ghoxrin ta mejju li gej. Ir-Re u ir-Regina accettaŭ li stedina.

*Ruma*—Ŭara marda tŭila, miet il cbir Miljardarju Pierpont Morgan li chellu 75 sena. Ighidu li chellu tieghu mat-*tliet mit elf lira* renta cull-jum.—Halla somom cbar ghall Carità, bejn Sptarijet, Djar tal iltiema, Schejjel u hecc.

*Grecja*—Nhar l'erbgha sar il funeral tar-Re Giorġ tal Grecja, li irnexxa sabiħ ŭisk.

L. M. C. G.

## Minn haûn u minn hinn.

** Il protestanti ghandhom patrijet u sorijet, taparsi; daŭn generalment jispiċċaŭ biex jicconvertu, chif ġara ftit snin ilu l'America. Dan l'aħħar il patrijet protestanti Benedittini, chif ucoll is-sorijet tal gżira ta Caldey, icconverteŭ. Marru Patrijet Cattolici Franċiżi biex ighammduhom u jaghmlulhom l'esercizzi.

** Il muntanji principali tal Eŭropa :—

L'Alpi, jifirdu l'Italja minn Franza, mil li Svizzera u mill'Aŭstrja;

L'Appennini, li huma ma tûl l'Italja;

Il Balcani, li jinfirxu mil baħar Adrjaticu sal baħar l'isŭed.

Il Pirinej, li jifirdu il Spanja minn Franza.

** L'America ghamlu operazzjoni fuk il moħħ ta prigjunier ħati ta serk, biex ibiddlulu il ghamil u id-draŭŭiet ħżiena tieghu. F'jannar ta din is-sena, raġa hareġ ħati ta ħafna serk. Katt intom ħabbejtu l'uliedcom u il proxxmu taghcom b'xi operazzjoni ?

** L'eclissi tax-xemx issir mita ix-xemx, il kamar u id-dinja icunu linja ŭaħda: il kamar jakta id-daŭl tax-xemx lid-dinja. L'eclissi tal kamar issir mita ix-xemx, id-dinja u il kamar icunu *qŭasi* linja ŭaħda: id-dinja takta id-daŭl tax-xemx lill kamar.

** Mita isir xi ktil, ighidu: Chemm hu briccun, chemm hu kalbu ħażina. Nofs it-tort ma icunx tal kattiel, imma ta ommu u ta missieru, li ma gharfux irabbuħ: l'ommijet u il missierijet jibżghu ŭisk mid-dixxiplina: is-sŭat fil ħakk u bil kies isemmen il gisem u isaħħaħ il moħħ.

** L'imħallef Gimmell, ta Chicago, l'America, settarju, kâl li li schejjel cattolici huma aħjar mil li schejjel tal Gvern, ghax ighallmu il ligijet tal unur, tat-tieba u tax-xoghol; il ħtijet isiru min-nukkas ta taghlim hecc f'li schejjel tal Gvern.

** F'Vicenza, chienet ilha mixħuta geŭŭa sodda, fuk tliet snin, il Contissa Emma Camposampiero, bint Lodovicu, ta 34 sena. Raŭha disa' tobba, mill'akŭa tal Italja, u katghu kalbhom minnha. Daŭn il ġranet, taŭha santa tal Madonna ta Lourdes, li hi tant bdiet titlobha b'fidi u ħniena kaŭŭija. Fieket, f'dakka, u bdiet tiġri u tghajjat; il Madonna! Il Madonna fejkitni !

** Il Pulizija ta Parigi giet armata b'revolvrijet li jisparaŭ balal tal asfissija (li jifgaŭ).

—L'eŭŭel Diocesi fl'America (*Stati Uniti*) giet imŭakkfa mill'Iskof Alonzo Manzo, fis-sena 1513: ŭieħed u ghoxrin sena ŭara li Colombu chien sâb dic l'art. Colombu chien telak mil port ta Palos, fil punent ta Spanja.

** Portijet principali tal Eŭropa:—

Inghilterra—Londra, Liverpool, Newcastle, Hull, Southampton, Bristol;—Franza—Dieppe, Boulogue, Calais, Cherbourg, St. Malo, Brest, Bordeaux, La Rochelle, Rochefort, Bayoune, Cette, Marsilja, Toulon;—Italja—Genova, Livornu, Napoli, Messina, Palermu, Venezja, Brindisi, Siracuża;—Spanja—Bilbao, San Sebastian, Corunna, Ferrol, Vigo, Cadiz;— Belgju – Anversa, Ostend, Bruges;— Germanja— Amburgu, Breaneu, Stettin, Kiel, Lüback, Danzig, Köuigsberg, Meruel;— Austrja – Fiume, Triesti;— Danimarca— Copenhagen;— Svezja— Stocolma, Cottenburgu, Malmö, Gefle, Carlserova, Norköping;—Norvegja—Cristianija, Bergen, Dammen, Froudheim;— Russja—San Pietroburgu, Riga, Revel (fil Balticu), Arcangelu (fil baħar l'abjad), Odessa (fil baħar l'isŭed), Astrakan;—Grecja—Pireo, Patrassu, Nauplia.

A. A.

## Fit-Teatrin tal Unjoni Cattolica.

« L'ARLOĠĠ TAL BIRGU »

U «CICCU U COLA».

Nhar il ħadd 30 ta Marzu, il Cumpanija *La Concordia* irrappresentat li msemmi dramm f'żeŭġ Atti u il cummiedja f'żeŭġ Atti ucoll. Chemm huma sbieħ u chemm ħadmuhom tajjeb ! Dnub li, mħabba il festa u il banda tal Pjazza, ma chienx hemm ħafna nies. Id-dramm chien jicser il klub fejn il *Baruni De Nava* (Argento) jaghraf il *Marija* bintu (Cumbo); chif ucoll fejn il *Marchis Abela* (Mercieca) jistenna idokku id-disgha biex ighaddi b'miġnun lill *Baruni*; u difatti chienu partijet daŭn ŭisk applaŭditi.

Il cummiedja chienet taksam bid-daħc mil bidu sal aħħar. Natu *prosit* lill cull-ħadd u specjalment, mal Atturi li semmejna, lis-Sur L. Scicluna (*Giacomo Bonnici*), C. Camilleri (*Carlu Sciberras*), lis-Sur G. Dimech (*Balì de Clevan*), lis-Sur A. Borġ u lis-Sur S. Cassar.

Nhar San Publju ma sarx Teatrin: iżda sejjrin isiru ħafna ħŭejjeġ sbieħ il Hadd li gejj, festa ta San Giusepp, Protettur tal *Unjoni Cattolica*. Il Programm fiħ festi l'eŭŭel sagri u imbaghd profani.

VERAX.

## AĦBAR.

Il lejla, fis-sebgha seŭŭa, sejjer isir mil Fratelli tal Arci-Confraternita ta San Flippu Neri, fil Cnisja tal Vitorja (il Belt), l'Uffizzju tal Mejjtin ghar-ruħ is-Sur Pietru Paŭl Farrugia, li chien ħabriechi Procuratur ta dic l'antica Arci-Confraternita. Il Fratelli jinsabu mitlubin li ma joksux.

NUTAR CARLU MICALLEF DE CARO,
*Segretarju.*

## MOGHDIJA TAŻ-ŻMIEN.

### Mistoksija.

Tnax chif tneħħu nofshom u jibkghu sebgha ?....

BUNFUS.

It-tŭigiba tal aħħar *Mistoksija* hi :

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 15 | 15 | 15 | 15 | 15 |
| | 8 | 3 | 4 | 15 |
| | 1 | 5 | 9 | 15 |
| | 6 | 7 | 2 | 15 |
| 15 | | | | 15 |

Taŭha seŭŭa: mil belt, ir-Rev. Dun G. G., is-Sinjura Caterina Borġ u is-Sinjuri Carmnu Tanti, Saver Sammut, *Bunfus* u Giuseppi Speranza ; u minn Ghaŭdex (*Nadur*) is-Sur Giovanni Caŭchi.